**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 61/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Dashielle SCERRI**

**Illum, 27 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Frar 2023 fil-konfront ta' **Dashielle SCERRI** ta' 26 sena, imwielda fit-2 ta' Marzu 1996 ġewwa l-Pieta`, bint Jesmond u Elaine nee` Lanzon, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 116396(M), li ġiet mixlija talli:

   F'xi żmien matul is-sena 2020 f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamlet użu mhux xieraq bih (Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi wżat kliem jew imġieba ta' theddid, abbużiv, jew insolenti, jew eżebiet xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra ġabet ruħha b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk tqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita` tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħolqot il-probabilita` li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali, Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Dashielle SCERRI (illum l-appellanti) ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannata komplessivament għall-piena ta' priġunerija ta' sitt (6) xhur, iżda bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza, hija tikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' elfejn ewro (€2,000).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Dashielle SCERRI appellat minn din is-sentenza permezz tar-rikors ta' l-appell intavolat nhar l-24 ta' Frar 2023 u talbet lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u konsegwentement tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati jew tiddeċiedi l-każ, jew alternattivament tvarja u timmodifika s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet* <u>*(Spettur Joseph Busuttil) vs Dashielle Scerri*</u> *tas-7 ta' Frar 2023 fis-sens illi tħassarha u tirrevokaha inkwantu din*

*sabitha ħatja ta' l-akkużi kollha u teħlisha u tilliberaha minnhom u tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena nflitta ta' sentenza sospiża tiġi mibdula f'dik ta' multa.*"

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha ntavolata nhar id-9 ta' Ġunju 2023, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-appellanti Dashielle SCERRI u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier tagħha, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw l-appell quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2023. Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2024, din il-Qorti, kif preseduta, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-partijiet jiddikjaraw jekk kellhomx xi jżidu mat-trattazzjoni tagħhom quddiem il-Qorti, diversament preseduta. Fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2024, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-appellanti, kif ukoll lil Dr. Giuliana Magro Conti għall-Avukat Ġenerali tiddikjara illi kienet qed tistrieħ fuq ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u fuq it-trattazzjoni tal-25 ta' Lulju 2023.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji rċeviet *file* min-naħa tas-*Cyber Crime Unit* tal-Pulizija dwar *post* illi ttella' fuq il-paġna ta' *Newsbook.com.mt* fuq il-pjattaforma ta' *Facebook*, li kien juri artiklu dwar 45 immigrant illi mietu fil-baħar Mediterran. Taħt dan il-*post,* kien hemm kumment bil-kliem "*Feed the fish kulhadd irid jiekol*", miktub mill-profil ta' *Facebook* bl-isem 'Dash Ielle'. Irriżulta mill-investigazzjonijiet illi dan il-profil kien jgħajjat lil ċerta Dashielle Scerri, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 116396(M), ossia lill-appellanti odjerna, li ġiet mitluba tirrapporta ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fis-6 ta' Mejju 2022. Dakinhar ġie spjegat lilha għaliex kienet se tiġi

mitkellma, u ngħatat id-drittijiet tagħha skont il-liġi, inkluż id-dritt illi tottjeni parir legali u illi tkun assistita minn avukat tal-għażla tagħha, liema drittijiet hija għażlet li ma teżerċitahomx u ffirmat dikjarazzjoni f'dan is-sens.[1] Hija rrilaxxjat stqarrija bil-miktub, fejn ikkonfermat illi l-profil ta' 'Dash Ielle' kien tagħha, u illi kienet hi illi kitbet l-imsemmi kumment.[2]

7. Sussegwentement, inbdew il-proċeduri kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-29 ta' Settembru 2022, u kif ingħad, hija ġiet misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha bis-sentenza tas-7 ta' Frar 2023.

8. Illi permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata stante illi din m'hijiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex fil-fehma tagħha, din is-sentenza ma tinkludix ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex issibha ħatja.

9. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jirregola l-formalitajiet essenzjali li jeħtieġ illi jiġu osservati skrupolożament fis-sentenzi tal-istess Qorti, u dan taħt piena ta' nullita`. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

10. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata, jingħad minnufih li ma jirriżultax illi din tippekka f'xi waħda mill-formalitajiet li jirrikjedi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant il-vot tal-liġi ġie osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha. L-Artikolu 382 jitlob *inter alia* li jissemmew il-fatti, u mhux ukoll ir-raġunijiet, jew il-motivazzjoni li wasslu għas-sejbien ta' ħtija. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif

[1] Ara d-dikjarazzjoni tal-appelleanti, a fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara l-affidavit ta' PS 2330 Joanna Sammut, a fol. 16 u 17 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' PC 2040 Kelsey Bugeja, a fol. 18 tal-proċess, u l-istqarrija tal-appellanti, a fol. 5 *et seq* tal-proċess.

diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Abdilla** tat-28 ta' Lulju 2010:

> Issa, meta l-artikolu 382 jitkellem dwar "il-fatti", dawn huma l-fatti tar-reat u mhux il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni.[3] Il-fatti tar-reat jirrizultaw mill-imputazzjoni.

11. Huwa veru wkoll illi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li tagħmel referenza għaliha l-appellanti fir-rikors tagħha, ossia dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Pisani** tas-17 ta' Marzu 2021, l-istess Qorti qalet hekk:

> 11. Hu element essenzjali ta' kull sentenza li tingħata minn Qorti li jkun fiha motivazzjoni. Fis-sentenza **Sepanyan v. Armenia** (4508/04) tas-27 ta' Ottubru 2009:-
>
> > "*35. The Court reiterates that, according to its established case-law reflecting a principle linked to the proper administration of justice,* ***judgments of courts and tribunals should adequately state the reasons on which they are based****. The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case. Although Article 6 § 1 obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument. Thus, in dismissing an appeal, an appellate court may, in principle, simply endorse the reasons for the lower court's decision (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 26, ECHR 1999-I, and Hirvisaari v. Finland, no. 49684/99, § 30, 27 September 2001)".*
>
> ...
>
> 13. Mingħajr *a reasoned judgment*, il-ħati ma jkunx tpoġġa f'posizzjoni li jkun jaf x'wassal lill-Qorti biex sabitu ħati tal-imputazzjonijiet jew uħud minnhom, u li jkun jista' jagħmel appell kif suppost. Fis-sentenza **Hadjianastassiou v. Greece** (12945/87) tas-16 ta' Diċembru 1992,1 il QEDB qalet:-

[3] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elton Abela** tat-28 ta' Lulju 2010.

*"33. The Contracting States enjoy considerable freedom in the choice of the appropriate means to ensure that their judicial systems comply with the requirements of Article 6 (art. 6).* ***The national courts must, however, indicate with sufficient clarity the grounds on which they based their decision. It is this, inter alia, which makes it possible for the accused to exercise usefully the rights of appeal available to him.*** *The Court's task is to consider whether the method adopted in this respect has led in a given case to results which are compatible with the Convention".* [enfasi ta' dik il-Qorti]

12. Fil-każ odjern, madankollu, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni u spjegat għaliex kienet qed issib ħtija fl-istess appellanti dwar l-istess imputazzjonijiet. Fil-fatt l-ewwel Qorti qalet hekk:

    1. Illi *ex admissis* fl-istqarrija tagħha, li ma ġietx kkontestata, l-imputata tassumi r-responsabbilta` tal-kumment *de quo* – **feed the fish kulhadd irid jiekol**;

    2. Illi l-kumment *de quo* sar fil-kuntest ta' titlu li jindika grupp ta' persuni/immigranti;

    3. Illi għalhekk il-kumment kien wieħed fiċ-ċirkostanzi, ikkargat tali, li ħoloq il-probabilita` li titqajjem mibgħeda razzjali;

    Illi dan kollu gab legittimament lill-imputata passabbli ghar-reati kkontemplati fl-Art 82A Kap 9 u l-Artiklu 49(c) tal-Kap 399.

    Illi wkoll, id-difiża stiednet lill-Qorti tara s-sentenza ta' *Brandon Bartolo* (App. Nru 48/2018 CSH deciz 17.01.2019). In effetti, din il-Qorti kif presjeduta hekk ghamlet fl-analizi tar-rizultanzi processwali u fil-kuntest tas-sanzjoni.

13. Illi għalhekk, fattwalment, dan l-aggravju ma jreġix u qed jiġi miċħud.

14. Illi t-tieni aggravju li ġie sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti mill-appellanti jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti

sabiex issib ħtija fl-istess l-appellanti. Hija tillanja illi l-ewwel Qorti straħet kompletament fuq it-teżi tal-Prosekuzzjoni, mingħajr ma daħlet fl-elementi tar-reati addebitati lilha. Skont l-appellanti, l-ewwel Qorti straħet fuq l-istqarrija rilaxxjata minnha, mingħajr ma qieset jekk l-*actus reus* u l-*mens rea* tar-reati kinux jirriżultaw mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. L-appellanti żżid illi lanqas ma ngħabet prova tad-data li fih l-artiklu deher fuq il-paġna ta' *Newsbook.com.mt*. Tillanja wkoll illi r-rapport esebit mill-Prosekuzzjoni bħala r-rapport redatt mis-*Cyber Crime Unit* ġie ppreżentat fl-istess jum li fih ingħatat is-sentenza appellata u illi d-difiża ma ngħatatx l-opportunita` illi teżamina dan ir-rapport. Skont l-appellanti, il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma jippruvaw illi hija aġixxiet "*bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibgħeda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita` tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, eta`, diżabilita`, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbilta` li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibgħeda*".

15. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[4]

[4] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino**

16. Illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellanti hija bbażata fuq dak dispost fl-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 49 tal-istess Kapitolu jaqra hekk:

> Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –
>
> (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew
>
> (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew
>
> (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,
>
> ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:

In oltre tramite emenda għall-istess artikolu bis-saħħa tal-Att XI tas-sena 2018, żdied il-proviso tal-Artikolu 49 li, fiż-żmien tal-każ odjern, kien jaqra hekk:

> Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.[5]

---

**Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Fit-termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, inġurja "*tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm*", filwaqt illi malafama "*tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja*". Libell, imbagħad huwa mfisser bħala "*malafama permezz ta' pubblikazzjoni*".

17. Illi mid-diċitura tal-liġi jirriżulta illi l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-subinċiżi (a), (b) u (ċ), jikkontempla tlett modalitajiet ta' kif *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika jista' jintuża bi ksur tal-liġi. Permezz tas-subinċiżi (a) u (b), il-leġislatur ried li jissanzjona l-użu ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex isir xi theddid, filwaqt illi taħt is-subinċiż (ċ), il-leġislatur inkluda dispożizzjoni ġenerali sabiex jirregola kull użu ieħor ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika li allura ma jinkwadrax ruħu taħt is-subinċiżi (a) u (b), iżda ma jkunx xieraq. Għad illi l-liġi hawnhekk ma tispeċifikax it-tifsira tal-frażi *użu ieħor mhux xieraq*, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna sservi sabiex tagħti gwida ta' dak l-użu li jagħti lok għar-reat in kwistjoni.

18. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Dr. Alfred Grech** tad-19 ta' Lulju 2013, fejn ingħad hekk:

> 6. L-aggravju tal-appellant Dr. Alfred Grech jikkonsisti fil-fatt li skont l-appellant il-Qorti tal-Maġistrati interpretat ħażin il-portata tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 49 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399) li, skont l appellant u bl-applikazzjoni tar-regola tal-*eiusdem generis* ma hu xejn ħlief aspett ieħor tar-reati kontemplati fil-paragrafi (a) u (b) tal-istess artikolu u ċioe' aspett ieħor ta' għemil konsistenti f'theddid jew kliem malfamanti mentri l-messaġġi in kwistjoni jikkonsistu biss fi kliem vulgari.
>
> …
>
> 7. Il-fatti tal-każ ma humiex kontestati u jikkonsistu essenzjalment f'dawk ġia rikapitulati aktar 'l fuq f'din is-sentenza. L-appellant isostni li l-kliem użat fil-messaġġi li ntbagħtu minnu lil Julia Farrugia ma jikkonsistux f'theddid iżda jikkonsistu sempliċement fi kliem vulgari. Għandu jingħad li l-kombinazzjoni taż-żewġ messaggi in kwistjoni verosimilment jammontaw għal theddida ta' għemil żieni fuq il-persuna ta' Julia Farrugia li kien jirrażenta t-theddida ta' attentat vjolenti għall-pudur. Għalhekk, anki jekk l-

appellant jingħata raġun fuq it-tifsira tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 49 tal-Kap. 339 il-messaġġi in kwistjoni jinkwadraw perfettament fl-istess paragrafu (ċ) kif mfisser minnu stess. Għandu jiżdied, b'danakollu, li l-paragrafu (ċ) msemmi ma jistax jiġi ristrett ghal theddid u ingurji kif jippretendi l-appellant għaliex ir-regola *eiusdem generis* applikata għall-paragrafu (ċ) għandha l-effett li testendi l-portata tal-paragrafi preċedenti u għalhekk l-għemil previst fil-paragrafu (ċ) ma jistax ikun identiku għall-għemil previst fil-paragrafi (a) u (b) għaliex altrimenti l-paragrafu (ċ) jkun superfluwu.

...

12. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis*, **huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq.** Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi. [enfasi ta' din il-Qorti]

19. Jingħad illi mill-atti proċesswali jirriżulta indubitat illi l-utenti tal-*Facebook account* li jġib l-isem ta' 'Dash Ielle' kienet l-appellanti odjerna. Dan tikkonfermah l-istess appellanti *ex admissis* fl-istqarrija li hija rrilaxxjat lill-Pulizija Eżekuttiva, u dan wara illi kif ingħad, hija

ngħatat id-drittijiet tagħha skont il-liġi, u ġiet spjegata lilha r-raġuni għaliex kienet se tiġi interrogata, oltre hija tikkonferma wkoll illi ma kien hemm ħadd iktar li kellu aċċess għall-istess *Facebook account*. Jirriżulta wkoll mill-istess stqarrija illi l-appellanti SCERRI tikkonferma illi kienet hi li kitbet il-kumment de quo, kif ikkonfermat ukoll illi l-*post* in kwistjoni fuq il-paġna ta' *Facebook* ta' *Newsbook.com.mt* kien dak muri lilha bħala Dok. DS2, li jinsab anness mal-istess stqarrija.[6] Minn dan id-dokument jirriżulta illi l-istess *post* ittieħed *screenshot* tiegħu nhar l-20 ta' Awwissu 2020, fil-waqt illi l-artiklu fuq *Newsbook.com.mt* ittella' fuq *Facebook* dsatax-il siegħa qabel li ttieħed l-i*screenshot*, kif ukoll illi l-kumment tal-appellanti tħallha tmintax-il siegħa qabel, li jfisser għalhekk illi l-istess kumment tqiegħed taħt il-*post* jew fl-20 ta' Awwissu 2020 stess, jew fid-19 ta' Awwissu 2020, skont il-ħin li fih ittieħed l-i*screenshot*. Dan ifisser illi l-istess kumment tħalla mill-appellanti "*F'xi zmien matul is-sena 2020*", skont iċ-ċitazzjoni odjerna, b'dan għalhekk illi l-istess appellanti m'għandhiex raġun f'dik il-parti tat-tieni aggravju fejn hija tilmenta illi ma nġabitx prova tad-data li fih l-artikolu deher fuq il-paġna ta' *Newsbook.com.mt*. Mhux biss, iżda b'referenza għaż-żmien li fih hija ħalliet il-kumment in kwistjoni, hija turi illi kienet tiftakar sew liema kien dan iż-żmien, stante illi wara li ġiet murija l-isess *post*, hija stqarret ukoll illi f'dak il-perjodu, "*kont ghaddeja min zmien hazin*". Huwa pertinenti wkoll illi l-Uffiċjal Investigatur, ftit qabel fl-istess stqarrija, jirreferiha speċifikatament għad-data tal-*post* bħala dik tad-19 ta' Awwissu 2020.

20. F'dan l-istadju din il-Qorti qed tirriproduċi testwalment il-kumment tal-appellanti SCERRI taħt il-*post* in kwistjoni bil-kliem "*S'issa mietu aktar minn 302 immigranti u refuġjati matul din is-sena*" u "*Imutu 45 persuna fil-Baħar Mediterran; "bżonn azzjoni immedjata*" *- Newsbook*, u illi abbażi tiegħu ġiet mixlija bl-imputazzjonijiet in diżamina f'dan il-każ:

> Feed the fish...kulħadd irid jiekol.

21. Din il-Qorti tqis li l-kliem utilizzat mill-appellanti SCERRI huwa kliem li ċertament ma jnissilx empatija ma' dawk l-immigranti li ġie rraportat li tilfu ħajjithom fil-baħar, iżda għall-kuntrarju huwa kliem odjuż, li ngħad b'disprezz lejn l-istess immigranti u oġġettivament offensiv. Fil-fehma

---
[6] Ara a fol. 8 *et seq* tal-proċess.

ta' din il-Qorti, għalhekk, tali kumment li permezz tiegħu l-appellanti qalet kif l-iġsma ta' dawk li ntilfu fil-baħar kellhom iservu ta' għalf għall-ħut, fuq il-paġna pubblika ta' *Facebook*, għandu jitqies li jammonta għall-użu mhux xieraq ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika u illi dan il-kliem m'huwiex tali illi jista' jiġi sempliċement interpretat bħala li jaqa' fit-tifsira tal-proviso tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fis-seħħ fiż-żmien tal-każ odjern.

22. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellanti għall-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha.

23. Illi in kwantu r-reat ipotezzat fit-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> (1) Kull min juża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda, għandu jeħel,meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax(18)-il xahar:

24. In oltre fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu, jingħad hekk:

> Għall-finijiet tas-subartikolu (1) "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

25. Minn qari tal-liġi jirriżulta li sabiex ikun jista' jitqies integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, jeħtieġ illi kumulattivament jikkonkorru s-segwenti elementi:

i) l-użu ta' kliem jew imġieba jew materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv, jew insolenti; u

ii) dan isir bil-ħsieb illi b'hekk titqajjem mibgħeda jew vjolenza **jew** b'hekk joħloq il-probabbilta' li titqajjem tali vjolenza jew mibegħda, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha;

iii) tali mibgħeda jew vjolenza tkun indirizzata kontra persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita` tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, eta`, diżabilita`, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

26. Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Muscat**, tal-31 ta' Mejju 2023, li għaliha tagħmel referenza wkoll l-Avukat Ġenerali:

> … mhuwiex neċessarju illi l-kitba stampata issir bl-intenzjoni speċifika li tqanqal mibegħda jew vjolenza, iżda jekk tali kitba meħuda fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ toħloq il-probabbilita' li tqajjem tali mibegħda, bil-leġislatur jadopera il-kliem "**jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda**", allura ir-reat jissussiti. Kien hekk deċiż:
>
> **"Huwa bizzejjed li jkun hemm il-probabilita". Din il-kelma ghandha nozzjoni differenti minn dik tac-'certezza'. Terga' u tghid, il-kelma 'probabilita' ghandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frazi 'beyond a reasonable doubt.' Huwa bizzejjed dak ic-cans li tinholoq mibeghda razzjali bil-kliem li jinghad biex ikun soddisfatt dan l-element.**
>
> **Fl-ahharnett l-istess artikolu jinkludi l-frazi 'meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha'. Il-Qorti qed tiddeciedi li jezistu cirkostanzi fid-diskors li jaghtu sinjal car ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x' intqal, fejn intqal izda ta' kif intqal specjalment meta wiehed jisma' – flok jaqra**

**– id-diskors. Ma' dan ghandu tizdied il-probabilita' tad-diffuzjoni estensiva permezz tal-internet."**[7]

27. Għalhekk il-vot tal-liġi huwa sodisfatt mhux biss jekk l-awtur tar-reat ikollu l-ħsieb li jqanqal mibgħeda jew vjolenza, iżda huwa suffiċjenti jekk il-kitba tiegħu, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tali illi toħloq il-probabbilita` li tqajjem tali mibegħda jew vjolenza. M'hemmx dubju illi l-kliem li nkiteb mill-appellanti kien wieħed insolenti u dispreġġjattiv għall-aħħar fil-konfront ta' dawk il-ħafna immigranti illi tilfu ħajjithom fil-baħar, u kien tali li x'aktarx iqajjem tali mibgħeda fuq bażi razzjali fil-konfront tagħhom. Minkejja li fl-istqarrija rilaxxjata minnha, l-appellanti tgħid illi ma kinitx l-intenzjoni tagħha li xxerred mibgħeda bi kliemha, fiċ-ċirkostanzi li fih inkiteb dan id-diskors fuq *Facebook*, jirriżulta ċar illi l-istess appellanti qalet dan il-kliem b'disprezz kbir – tant illi band'oħra fl-istess stqarrija tgħid ukoll "*kont ghaddeja min zmien hazin u nahseb huma wehlu ma rasi*" - u kien tali li x'aktarx inissel fil-pubbliku li jaqra dan l-istess kumment, sentimenti ta' mibgħeda lejn l-immigranti li dwarhom kien jitratta l-*post* in kwistjoni.

28. Hawnhekk din il-Qorti tqis ukoll illi minkejja illi l-appellanti tillanja dwar il-fatt illi ma kellhiex l-opportunita` illi teżamina r-rapport redatt mis-*Cyber Crime Unit,* esebit mill-Prosekuzzjoni, stante illi l-ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza fl-istess jum illi l-istess rapport ġie esebit, tali rapport, li *del resto* la huwa ffirmat mill-awtur tiegħu PS 161 Joseph Louis Xerri, u lanqas ġie kkonfermat bil-ġurament minnu, ma kienx strumentali sabiex tinstab ħtija fl-istess appellanti, u dan għaliex mill-atti proċesswali jirriżultaw provi oħrajn, li fuqhom hija setgħet tinstab ħatja.

29. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellanti wkoll in kwantu t-tieni imputazzjoni, b'dan għalhekk illi t-tieni aggravju tal-appellanti qed jiġi miċħud.

30. Illi fit-<u>tielet aggravju</u> minnha mressaq, l-appellanti tilmenta mill-piena nflitta u ssostni li din kienet waħda eżaġerata.

---

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Norman Lowell</u>** tal-15 ta' Lulju 2013.

31. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, jeħtieġ illi jirriżultalha illi tali piena tkun waħda żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 2003 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) qalet hekk:

> ... din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**" deciza fl-14 ta' Gunju, 1999 fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-
>
> *"Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt"*

Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005 fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Bilgum and Kucuk Melek</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004* dwar din il-materja, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede superjuri kif ukoll f'dik inferjuri:

> "***The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either***

***additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.***"[8]

32. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[9]

33. Illi fil-każ odjern, kif ingħad, l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti komplessivament għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur, li bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għall-perjodu ta' tliet snin, flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' elfejn ewro (€2,000). Fit-termini tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena preskritta hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt ewro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat. In kwantu r-reat taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, il-piena applikabbli hija dik ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar. L-ewwel Qorti, għalhekk, għaddiet sabiex timponi kemm il-piena taħt l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399, kif ukoll dik taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali.

34. Illi kif ingħad, l-appellanti tilmenta illi l-piena erogata kienet waħda eċċessiva u illi għandha tiġi modifikata fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, u tal-fedina penali tagħha li hija waħda netta.

---

[8] Page 1695, para. D23.45

[9] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

35. Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-26 ta' Lulju 2024, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ilewi Nawar**, intqal hekk dawk il-konkors formali jew ideali tar-reat jew 'l hekk imsejjaħ *concursus delictorum*:

> … att doluż uniku riżultanti mill-istess intenżjoni kriminuża jista` jagħti lok għall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni waħda tal-liġi. Dan huwa l-konkors formali jew idejali tar-reat li għalkemm mhux ikkontemplat fil-liġi, madanakollu din il-finzjoni legali għandha tkun applikata fil-kalibrazzjoni tal-piena u dan meta l-istess fatt qed jagħti lok għal kummissjoni ta' iktar minn reat wieħed.
>
> > **"… l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mil-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessajament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati. F'dan il-kuntest mhux intiz biss il-fatt storiku jew naturali, fid-diversi mumenti tieghu imma l-fatt guridiku fil-kumpless tieghu."**[10]
>
> …
>
> Illi, dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889 –
>
> > ***"Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave."***
>
> Illi, dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura (paġna 45) jgħid hekk –
>
> > ***'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it***

---

[10] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi**, tal-11 ta' Jannar 1994.

***even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

Kien deċiż –

> **"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ 'Camilleri versus Cilia' kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.**"[11]

36. Illi fil-każ odjern, jirriżulta għalhekk il-konkors formali jew ideali tar-reat u dan għaliex b'azzjoni waħda, l-appellanti kisret żewġ disposizzjonijiet tal-liġi, b'dan għalhekk illi kellha tiġi applikata biss il-piena għar-reat l-iżjed gravi, f'dan il-każ ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, li jippreskrivi piena ta' priġunerija.

37. Illi madankollu, f'dan il-każ, fit-talba tagħha, l-appellanti talbet lil din il-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena inflitta ta' sentenza sospiża tiġi mibdula f'dik ta' multa*". Fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, din il-Qorti ma tistax tagħmel dak mitlub mill-appellanti, u dan għaliex hija għandha tingħata l-piena tar-reat l-iżjed gravi ossia dik tar-reat ravviżat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, li kif ingħad jikkontempla piena ta' priġunerija. La darba t-talba tagħha ġiet impostata bil-mod indikat, hija rabtet idejn il-Qorti, b'tali mod illi din il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba tagħha, għaliex altrimenti tkun qed timponi l-piena tar-reat l-inqas gravi.

[11] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** tal-20 ta' Settembru 2012.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' **Dashielle SCERRI** u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża għandu jibda jgħaddi mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja, bi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**